**IL-KONVENZJONI EWROPEA**
IS-SEGRETARJAT

**Brussel, it-18 ta' Lulju 2003**

**CONV 850/03**

**NOTA:**

| | |
|---|---|
| Mis- : | Segretarjat |
| Lill- : | Konvenzjoni |
| Nri dok. preċ: | CONV 820/1/03 REV 1; CONV 847/03, CONV 848/03 |
| Suġġett: | **Abbozz tat-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa** |

Il-membri tal-Konvenzjoni jsibu hawnhekk anness it-test finali ta' l-abbozz tat-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, kif sottomess lill-President tal-Kunsill Ewropew f' Ruma fit-18 ta' Lulju 2003.

*Abbozz ta'*

**TRATTAT**

**LI JISTABILIXXI**

# KOSTITUZZJONI GĦALL-EWROPA

Adottat b' *consensus* mill-Konvenzjoni Ewropea

fit-13 ta' Ġunju u fl-10 ta' Lulju 2003

SOTTOMESS

LILL-PRESIDENT TAL-KUNSILL EWROPEW

F' RUMA

*-- it-18 ta' Lulju 2003--*

*Il-Konvenzjoni Ewropea*

# PREFAZJU

Għall-Partijiet I u II ta' l-abbozz tat-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa sottomess lill-Kunsill Ewropew li ltaqa' f' Salonka fl-20 ta' Ġunju 2003.

# PREFAZJU

Billi ġie nnutat li l-Unjoni Ewropea kienet waslet f'mument definittiv fl-eżistenza tagħha, l-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Laeken fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2001 laqqa' l-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Futur ta' l-Ewropa.

Il-Konvenzjoni ntalbet biex tabbozza proposti fuq tliet materji: kif tqarreb iċ-ċittadini lejn l-idea Ewropea u l-Istituzzjonijiet Ewropej; kif torganizza l-politika u ż-żona politika Ewropea f' Unjoni mkabbra; u kif tiżviluppa l-Unjoni bħala fattur ta' stabilità u mudell fl-ordni ġdid mondjali.

Il-Konvenzjoni identifikat ir-risposti għall-mistoqsijiet li saru fid-dikjarazzjoni ta' Laeken:

– hija tipproponi diviżjoni aħjar tal-kompetenzi ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri;
– hija tirrakkomanda li jiġu nkorporati flimkien it-Trattati, u li tiġi mogħtija personalità ġuridika lill-Unjoni;
– hija tistabbilixxi s-simplifikazzjoni ta' l-istrumenti ta' azzjoni ta' l-Unjoni;
– hija tipproponi miżuri sabiex iżżid id-demokrazija, it-trasparenza u l-effiċjenza ta' l-UnjoniEwropea, billi tiżviluppa l-kontribut tal-Parlamenti nazzjonali għal-leġittimazzjoni ta' l-idea Ewropea, billi tissimplifika l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u billi tagħmel il-funzjonament ta' l-istituzzjonijiet Ewropej iktar trasparenti u jinftiehem aħjar;
- hija tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex ittejjeb l-istruttura u jitqawwa r-rwol ta' kull waħda mit-tliet istituzzjonijiet ta' l-Unjoni u billi jittieħed kont b'mod partikolari tal-konsegwenzi tat-tkabbir.

Id-dikjarazzjoni ta' Laeken ukoll qegħdet il-mistoqsija jekk is-simplifikazzjoni u l-organizzazzjoni mill-ġdid tat-Trattati kenitx tista' tlesti t-triq għall-adozzjoni tat-test kostituzzjonali. Il-proċeduri fil-Konvenzjoni wasslu finalment għall-abbozz ta' Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa illi kiseb kunsens wiesa' fis-sessjoni plenarja tat-13 ta' Ġunju 2003.

Huwa dan it-test li jiena għandi l-privileġġ li nippreżenta llum 20 ta' Ġunju 2003 lill-Kunsill Ewropew li qed jiltaqa' f'Salonka, għan-nom tal-Konvenzjoni Ewropea, bit-tama li jikkostitwixxi il-fundament ta' trattat futur li jistabbilixxi Kostituzzjoni Ewropea.



Valéry Giscard d'Estaing
President tal-Konvenzjoni





Giuliano Amato
Viċi-President

Jean-Luc Dehaene
Viċi-President

## Abbozz ta’

# TRATTAT LI JISTABILIXXI IL-KOSTITUZZJONI GĦALL-EWROPA

## PREAMBOLU

*Χρώμεθα γὰρ πολιτείᾳ... καὶ ὄνομα μὲν διὰ τὸ μὴ ἐς ὀλίγους ἀλλ᾽ ἐς πλείονας οἰκεῖν δημοκρατία κέκληται.*

*Il-Kostituzzjoni tagħna ... tissejjaħ demokrazija għaliex il-poter ma jinstabx f'idejn minoranza iżda f’ idejn l-akbar numru.*

*Tucidide II, 37*

Konxji li l-Ewropa hija kontinent li ġab miegħu ċ-ċivilizzazzjoni; li l-abitanti tagħha, li waslu f'mewġiet suċċessivi sa mill-ewwel żminijiet, u li progressivament żviluppaw il-valuri li huma l-bażi ta’ l-umaneiżmu: l-ugwaljanza, il-libertà u rispett għar-raġuni,

Ispirati mill-wirt kulturali, reliġjuż u umanist ta’ l-Ewropa, li minnhom ħarġu l-valuri dejjem preżenti fil-patrimonju tagħha li daħħlu fil-qalba tas-soċjetà ir-rwol ċentrali tal-persuna umana u d-drittijiet li ma jistgħux jiġu la vjolati u lanqas aljenati, u r-rispett għal-liġi,

Konvinti li l-Ewropa unita mill-ġdid minn issa ‘l quddiem bi ħsiebha ssegwi l-mixja taċ-ċiviltà, progress u prosperità, għall-ġid ta’ l-abitanti tagħha kollha, inklużi dawk li huma l-iktar debboli u l-iktar nieqsa; billi tixtieq tibqa' kontinent miftuħ għall-kultura, għerf u progress soċjali; u billi tixtieq tagħmel iktar demokratikament profonda u trasparenti il-ħajja pubblika tagħha, u sabiex tahdem għall-paċi, għall-ġustizzja u għas-solidarjetà fid-dinja kollha,

Persważi li l-popli ta' l-Ewropa, filwaqt li jibqgħu kburin mill-identitajiet nazzjonali u mill-istorja tagħhom, huma determinati sabiex jittraxxendu d-diviżjonijiet antiki tagħhom, u, uniti aktar fil-qrib, isawru destin komuni,

Konvinti li, għaldaqstant bl-"unità fid-diversità tagħha" l-Ewropa toffrilhom l-aħjar opportunità, fir-rispett tad-drittijiet ta' kull individwu u fl-għarfien tar-responsabbiltajiet tagħhom lejn il-ġenerazzjonijiet futuri u lejn il-pjaneta, li jimxu 'l quddiem bl-avventura kbira li tagħmilha spazju privileġġjat tat-tama ta' l-umanità,

Grati lejn il-membri tal-Konvenzjoni Ewropea talli ppreparaw din il-Kostituzzjoni għan-nom taċ-ċittadini u ta' l-Istati ta' l-Ewropa,

[Li, wara li skambjaw il-pjeni poteri tagħhom, li kienu fil-forma tajba u dovuta, qablu kif ġej:]

# PARTI I

## TITOLU I: TIFSIR U MIRI TA' L-UNJONI

### Artikolu 1: Stabbiliment ta' l-Unjoni

1. Ispirati mir-rieda taċ-ċittadini u ta’ l-Istati ta' l-Ewropa li jibnu l-futur tagħhom komuni, din il-Kostituzzjoni tistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, li lilha l-Istati Membri jikkonferixxu l-kompetenzi sabiex jintlaħqu l-miri komuni. L-Unjoni tikkoordina l-politika li biha l-Istati Membri għandhom il-ħsieb li jilhqu dawn il-miri, u teżerċita il-kompetenzi konferiti b'mod komunitarju.

2. L-Unjoni għandha tkun miftuħa għall-Istati Ewropej kollha li jirrispettaw il-valuri tagħha u li jimpenjaw ruhhom li jippromwovuhom flimkien.

### Artikolu 2: Il-Valuri ta' l-Unjoni

L-Unjoni hija mibnija fuq il-valuri ta' rispett għad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, ta' l-ugwaljanza, tad-demokrazija, tas-sovranità tal-liġi, kif ukoll ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà karatterizzata mill-pluraliżmu, mit-tolleranza, mill-ġustizzja, mis-solidarjetà u n-non diskriminazzjoni.

**Artikolu 3: Il-Miri ta' l-Unjoni**

1. Il-mira ta' l-Unjoni hi li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-ġid tal-popli tagħha.

2. L-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja mingħajr fruntieri interni, u suq wieħed fejn il-kompetizzjoni hija libera u mhux distorta.

3. L-Unjoni taħdem għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-Ewropa mibni fuq l-avvanz ekonomiku bilanċjat, b' ekonomija soċjali tas-suq ferm kompetittiv u li jimmira li kulħadd jaħdem u li jkun hem mil-progress soċjali b' livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità ta' l-ambjent. Għandha tippromwovi żvilupp xjentifiku u teknoloġiku.

   Tikkumbatti l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni; tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal.

   Tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri.

   L-Unjoni tirrispetta d-diversità kulturali u lingwistika tagħha u għandha tiżgura li l-wirt kulturali Ewropew jiġi mħares u żviluppat.

4. Fir-relazzjonijiet tagħha mad-dinja barra minnha, l-Unjoni ssostni u tippromwovi l-valuri u l-interessi tagħha. Għandha tikkontribwixxi għall-paċi, għas-sigurtà, għall-iżvilupp sostenibbli fid-dinja, għas-solidarjetà u r-rispett reċiproku bejn il-popli, għall-kummerċ liberu u ġust, għall-qerda tal-faqar mill-għeruq u għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem b'mod partikolari dawk tat-tfal, kif ukoll għall-osservanza stretta u għall-iżvilupp tad-drittijiet internazzjonali inkluż ir-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

5. Dawn il-miri jiġu segwiti b' mezzi approprjati, skond ma tkun l-attribuzzjoni tal-kompetenzi lill-Unjoni fil-Kostituzzjoni.

**Artikolu 4: Libertajiet fundamentali u n-non diskriminazzjoni**

1. Il-moviment liberu ta' persuni, ta' beni, ta' servizzi u ta' kapital, u l-libertà ta' l-istabbiliment għandhom ikunu garantiti mill-Unjoni u fiha, skond id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni.

2. Fil-kamp ta' l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni, u mingħajr preġudizzju ghad-disposizzjonijiet speċifiċi tagħħa kull diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità għandha tkun projbita.

**Artikolu 5: Relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri**

1. L-Unjoni tirrispetta l-identitajiet nazzjonali ta' l-Istati Membri, inerenti fl-istrutturi fundamentali politiċi u kostituzzjonali tagħhom inklużi dawk tal-gvernijiet reġjonali u lokali. Tirrispetta l-funzjonijiet statali essenzjali tagħhom inklużi dawk li jassiguraw l-integrità territorjali ta' l-Istat, il-manteniment ta' l-ordni pubbliku u tal-ħarsien tas-sigurtà interna.

2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, waqt li jsegwu l-prinċipju tal-kooperazzjoni leali, b'rispett reċiproku sħiħ, jassistu lil xulxin fl-esekuzzjoni tal-missjonijiet li jemanaw mill-Kostituzzjoni.

   L-Istati Membri jiffaċilitaw lill-Unjoni l-esekuzzjoni tal-missjoni tagħha u joqogħdu lura minn kull miżura li tipperikola sitwazzjoni fejn ma jintlaħqux il-miri stabbiliti fil-Kostituzzjoni.

**Artikolu 6: Personalità Ġuridika**

L-Unjoni jkollha personalità ġuridika

## TITOLU II: DRITTIJIET FUNDAMENTALI I U Ċ-ĊITTADINANZA TA' L-UNJONI

### Artikolu 7: Drittijiet fundamentali

1. L-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji dikjarati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li tikkostitwixxi it-Tieni Parti tal-Kostituzzjoni.

2. L-Unjoni tfittex li taderixxi għall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali. Din l-Adeżjoni m'għandhiex timmodifika l-kompetenzi ta' l-Unjoni kif definiti fil-Kostituzzjoni.

3. Id-drittijiet fundamentali, kif garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali, u kif żviluppaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, għandhom jikkostitwixxu l-prinċipji ġenerali tad-dritt ta' l-Unjoni.

### Artikolu 8: Iċ-Ċittadinanza ta' l-Unjoni

1. Għandha ċittadinanza ta' l-Unjoni kull persuna li tkun ċittadin ta' Stat Membru. Iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni tkun addizzjonali għaċ-ċittadinanza nazzjonali; m' għandhiex tissostitwiha.

2. Iċ-ċittadini ta' l-Unjoni għandhom igawdu d-drittijiet u jintrabtu bid-dmirijiet previsti fil-Kostituzzjoni. Huma jkollhom:

   - id-dritt ta' moviment u d-dritt ta' residenza libera fit-territorji ta' l-Istati Membri;

   - id-dritt tal-vot u li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru fejn huma jirrisjedu, taħt l-istess kondizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat;

- id-dritt li jgawdu, fit-territorju ta’ pajjiż terz fejn l-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini ma jkunx rappreżentat, mill-protezzjoni ta' l-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari ta’ kull Stat Membru, taħt l-istess kondizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta’ dak l-Istat;

- id-dritt ta' petizzjoni lill-Parlament Ewropew, li japplikaw għand l-Ombudsman Ewropew u li jindirizzaw lill-Istituzzjonijiet u korpi konsultattivi ta' l-Unjoni f'waħda mill-lingwi tal-Kostituzzjoni u d-dritt li jirċievu risposta bl-istess lingwa.

3. Dawn id-drittijiet għandhom ikunu eżerċitati skond il-kondizzjonijiet u l-limiti definiti mill-Kostituzzjoni u permezz tal-miżuri li jittiehdu sabiex jagħtuha effett.

## TITOLU III: IL-KOMPETENZI TA' L-UNJONI

### Artikolu 9: Prinċipji fondamentali

1. Il-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni huma regolati mill-prinċipju tal-konferiment. L-użu tal-kompetenzi ta' l-Unjoni hu regolat mill-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

2. Skond il-prinċipju tal-konferiment, l-Unjoni tagixxi fil-limiti tal-kompetenzi konferiti lilha mill-Istati Membri fil-Kostituzzjoni biex jintlaħqu l-miri tal-Kostituzzjoni. Il-kompetenzi li ma jiġux konferiti lill-Unjoni b'din il-Kostituzzjoni Jibqgħu għand l-Istati Membri.

3. Skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, f'dawk l-oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklużiva tagħha, l-Unjoni għandha taġixxi meta u sa fejn il-miri ta' l-azzjoni kontemplata ma jistgħux jintlahqu biżżejjed mill-Istati Membri, la fil-livell ċentrali u lanqas fil-livell reġjonali jew lokali, iżda jistgħu, minħabba fl-iskala jew l-effetti ta’ l-azzjoni proposta, jintlaħqu aħjar fil-livell ta' l-Unjoni.

L-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni japplikaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fil-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, anness mal-Kostituzzjoni. Il-Parlamenti Nazzjonali għandhom jassiguraw il-konformità ma' dak il-prinċipju skond il-proċedura indikata fil-Protokoll.

4. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kamp u l-forma ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni m'għandhomx jeċċedu dak li hu neċessarju biex jintlaħqu l-miri tal-Kostituzzjoni.

   L-Istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fil-Protokoll imsemmi fil-paragrafu 3.

**<u>Artikolu 10: Id-dritt ta' l-Unjoni</u>**

1. Il-Kostituzzjoni u l-liġijiet adottati mill-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni fl-eżerċizzju tal-kompetenzi konferiti fuqhom, ikollhom primat fuq il-liġi ta' l-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jiehdu l-miżuri kollha approprjati, ġenerali jew parttikolari, sabiex jassiguraw li jiġu sodisfatti l-obbligi li joħorġu mill-Kostituzzjoni jew li jirriżultaw mill-atti li joħorġu mill-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni.

**<u>Artikolu 11: Kategoriji ta' kompetenza</u>**

1. Meta l-Kostituzzjoni tikkonferixxi lill-Unjoni kompetenza esklużiva f'qasam speċifiku, l-Unjoni biss tista' tilleġisla u tadotta atti li jorbtu legalment, u l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu hekk fil-każ biss li jkunu mogħtija s-setgħa mill-Unjoni jew għall-implimentazzjoni ta' atti adottati mill-Unjoni.

2. Meta l-Kostituzzjoni tikkonferixxi lill-Unjoni kompetenza li tinqasam ma' l-Istati Membri f'qasam speċifiku l-Unjoni u l-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jilleġislaw u li jadottaw atti li jorbtu legalment f'dak il-qasam. L-Istati Membri Għandhom jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom sa fejn l-Unjoni ma teżerċitax, jew iddeċidiet li tieqaf milli teżerċita l-kompetenza tagħha.

3. L-Unjoni jkollha l-kompetenza li tikkoordina l-politika ekonomika u ta' impiegi ta' l-Istati Membri.

4. L-Unjoni jkollha l-kompetenza li tiddefinixxi u timplimenta politika barranija u ta' sigurtà komuni inkluża l-inkwadratura progressive ta’ politika ta’ difiża komuni.

5. F'ċerti oqsma u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kostituzzjoni, l-Unjoni jkollha l-kompetenza li tiehu azzjonijiet biex tagħti sostenn, tikkoordina jew tissupplimenta l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri, mingħajr b’ daqshekk ma tissoprassjedi fuq il-kompetenza tagħhom f’ dawn l-oqsma.

6. L-iskop u l-modalitajiet ta' l-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' l-Unjoni għandhom jiġu determinati mid-disposizzjonijiet speċifiċi għal kull qasam fil-Parti III.

**Artikolu 12: Kompetenza esklużiva**

1. L-Unjoni jkollha l-kompetenza esklużiva li tiddefinixxi r-regoli tal-kompetizzjoni meħtieġa għall-funzjonament tas-suq intern, u fl-oqsma li ġejjin:

- il-politika monetarja, għall-Istati Membri li jkunu adottaw l-ewro,
- il-politika kummerċjali komuni,
- l-unjoni doganali,
- il-konservazzjoni ta’ riżorsi bijoloġiċi tal-baħar skond il-politika komuni tas-sajd.

2. L-Unjoni jkollha l-kompetenza esklużiva li tikkonkludi ftehim internazzjonali meta dan huwa previst f'att leġislattiv ta' l-Unjoni, hu neċessarju sabiex tkun tista' teżerċita il-kompetenza interna tagħha, jew meta dan jeffettwa att intern ta' l-Unjoni.

**<u>Artikolu 13: Oqsma ta' kompetenzi kondiviżi</u>**

1. L-Unjoni jkollha kompetenza kondiviża ma' l-Istati Membri fejn il-Kostituzzjoni tikkonferixxi lilha l-kompetenza li ma tirrigwardax l-oqsma msemmija fl-Artikoli 12 u 16.

2. Il-kompetenza kondiviża tapplika fl-oqsma prinċipali li ġejjin:

- is-suq intern,
- l-oqsma ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja
- l-agrikoltura u s-sajd, eskluża l-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar
- it-trasport u r-rettikolat trans-Ewropew,
- l-enerġija
- il-politika soċjali, għall-aspetti definiti fil-Parti III,
- il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali
- l-ambjent,
- il-protezzjoni tal-konsumatur,
- il-preokkupazzjonijiet dwar is-saħha komuni f' oqsma ta' saħħa pubblika.

3. Fl-oqsma ta' riċerka ta' l-iżvilupp teknoloġiku u ta' l-ispazju, l-Unjoni jkollha l-kompetenza li teżegwixxi azzjonijiet, partikolarment biex tiddefinixxi u timplimenta programmi; madanakollu, l-eżerċizzju ta' dik il-kompetenza m'għandux iwassal għal li Stat Membru ikun impedit milli jeżerċita l-kompetenza tiegħu.

4. Fl-oqsma ta' kooperazzjoni ta' żvilupp u għajnuna umanitarja l-Unjoni jkollha l-kompetenza li tieħu azzjoni u li tmexxi politika komuni; madankollu l-eżerċizzju ta' dik il-kompetenza m'għandux iwassal għal li Stat Membru jkun impedit milli jeżerċita l-kompetenza tiegħu.

**Artikolu 14: Il-koordinazzjoni ta' politika ekonomika u ta' l-impieg**

1. L-Unjoni għandha tadotta miżuri biex tassigura l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ta' l-Istati Membri, partikolarment billi tadotta linji ta' gwida ġenerali għall-din il-politika. L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw il-politika ekonomika tagħhom fi ħdan l-Unjoni.

2. Id-disposizzjonijiet speċifiċi għandhom japplikaw għal dawk l-Istati Membri li jadottaw l-ewro.

3. L-Unjoni għandha tadotta miżuri sabiex tassigura il-oordinazzjoni tal-politika ta' l-impieg ta' l-Istati Membri, partikolarment billi tadotta linji ta' gwida għal din il-politika.

4. L-Unjoni tista' tieħu inizjattivi biex tassigura l-koordinazzjoni tal-politika soċjali ta' l-Istati Membri.

**Artikolu 15: Il-politika barranija u ta' sigurtà komuni**

1. Il-kompetenza ta' l-Unjoni f'materji ta' politika barranija u ta' sigurtà komuni għandha tkopri l-oqsma kollha ta' politika barranija u l-materji kollha li ghandhom x'jaqsmu mas-sigurtà ta' l-Unjoni inkluża l-inkwadratura progressiva ta' politika ta' difiża li tista' twassal għal difiża komuni.

2. L-Istati Membri għandhom attivament u mingħajr riżervi isostnu l-politika barranija u ta' sigurtà komuni ta' l-Unjoni, fi spirtu ta' lealtà u solidarjetà reċiproka u għandhom jirrispettaw l-atti ta' l-Unjoni f'dan il-qasam. Għandhom jastjenu minn azzjonijiet li jmorru kontra l-interessi ta' l-Unjoni jew li probabbilment ifixklu l-effettività tagħha.

**Artikolu 16: Oqsma ta' azzjoni ta' sostenn, ta' koordinazzjoni jew kumplimentari**

1. L-Unjoni tista' tieħu azzjoni ta' sostenn, ta' koordinazzjoni jew kumplimentari.

2. L-oqsma ta' azzjoni ta' sostenn, ta' koordinazzjoni jew kumplimentari għandhom ikunu, fl-iskop Ewropew:

- l-industrija,
- il-protezzjoni u t-titjib tas-saħħa tal-bniedem,
- l-edukazzjoni, it-taħriġ professjonali, iż-żgħażagħ u l-isport,
- il-kultura,
- il-protezzjoni ċivili.

3. Atti li jorbtu legalment adottati mill-Unjoni fuq bażi ta' disposizzjonijiet speċifiċi għal dawn l-oqsma fil-Parti III m'għandhomx jimpurtaw l-armonizzazzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti ta' l-Istati Membri.

**Artikolu 17: Klawżola ta' flessibilità**

1. Jekk jirriżulta neċessarju li l-Unjoni tieħu azzjoni fil-kwadru tal-politika definita fil-Parti III sabiex tintlaħaq mira fissata minn din il-Kostituzzjoni, u l-Kostituzzjoni ma tkunx ipprovdiet is-setgħat meħtieġa, il-Kunsill tal-Ministri, li jaġixxi unanimament fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, jista' jieħu l-miżuri appropjati.

2. Il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri għall-proposti skond dan l-Artikolu billi tuża l-proċedura għall-monitoraġġ tal-prinċipju ta' sussidjarjetà msemmi fl-Artikolu 9(3).

3. Id-disposizzjonijiet adottati skond dan l-Artikolu m'għandhomx jimpurtaw l-armonizzazzjoni ta' liġijiet u ta' regolamenti ta' l-Istati Membri f' każijiet fejn il-Kostituzzjoni teskludi din l-armonizzazzjoni.

## TITOLU IV: L-ISTITUZZJONIJIET TA' L-UNJONI

### Kapitolu I - Il-Kwadru Istituzzjonali

### Artikolu 18: L-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni

1. L-Unjoni tinqeda minn kwadru istituzzjonali uniku mmirat biex:
   - javvanza l-miri ta' l-Unjoni,
   - jippromwovi il-valuri ta' l-Unjoni,
   - jaqdi l-interessi ta' l-Unjoni, taċ-ċittadini tagħha u ta’ l-Istati Membri tagħha

   u jassigura l-koerenza, l-effettività, u l-kontinwità tal-politika u ta' l-azzjonijiet li tieħu biex issegwi l-miri tagħha.

2. Dan il-kwadru istituzzjonali huwa magħmul minn:

   il-Parlament Ewropew,
   il-Kunsill Ewropew,
   il-Kunsill tal-Ministri,
   il-Kummissjoni Ewropea,
   il-Qorti tal-Ġustizzja

3. Kull Istituzzjoni taġixxi fil-limiti tas-setgħat konferiti lilha mill-Kostituzzjoni, u skond il-proċeduri u l-kondizzjonijiet stabbiliti fiha. L-Istituzzjonijiet għandhom jipprattikaw kooperazzjoni sħiħa reċiproka.

### Artikolu 19: Il-Parlament Ewropew

1. Il-Parlament Ewropew għandu flimkien mal-Kunsill tal-Ministri jeżerċita funzjonijiet leġislattivi u ta’ *budget*, kif ukoll funzjonijiet ta' kontroll politiku u ta' konsultazzjoni kif stabbilit fil-Kostituzzjoni. Għandu jeleġġi l-President tal-Kummissjoni Ewropea.

2. Il-Parlament Ewropew għandu jkun elett direttament b’ suffraġju universali miċ-ċittadini Ewropej, b’ vot ħieles u sigriet għal mandate ta’ ħames snin. Il-membri tiegħu m’ għandhomx ikunu iktar minn seba’ mija u sitta u tletin. Ir-rappreżentanza taċ-ċittadini Ewropej tkun proporzjonali degressivament, billi tiġi ffissata bl-għatba minima ta’ erba' membri għal kull Stat Membru.

Minn żmien biżżejjed qabel l-elezzjonijiet Parlamentari Ewropej ta' l-2009, u jekk Neċessarju wara dan għall-elezzjonijiet sussegwenti, il-Kunsill Ewropew għandu unanimament jadotta, fuq il-bażi ta’ proposta mill-Parlament Ewropew u bil-kunsens tiegħu, deċiżjoni li tistabilixxi-komposizzjoni tal-Parlament Ewropew, fir-rispett tal-prinċipji fuq dikjarati

3. Il-Parlament Ewropew jeleġġi l-President u l-uffiċjali tiegħu minn fost il-membri tiegħu.

**<u>Artikolu 20: Il-Kunsill Ewropew</u>**

1. Il-Kunsill Ewropew għandu jipprovdi l-Unjoni bl-impetu neċessarju għall-iżvilupp tagħha, u għandu jiddefinixxid-direzzjonijiet politiċi ġenerali u l-prijoritajiet tagħha. Huwa ma jeżerċitax funzjonijiet leġislattivi.

2. Il-Kunsill Ewropew għandu jikkonsisti mill-Kapijiet ta' l-Istat jew tal-Gvern ta' l-Istati Membri, flimkien mal-President tiegħu u mal-President tal-Kummissjoni. Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jieħu sehem fix-xogħol tiegħu.

3. Il-Kunsill Ewropew għandu jiltaqa’ erba’ darbiet fis-sena, fuq sejħa mill-President tiegħu. Meta l-aġenda tirrikjedi dan, il-membri tiegħu jistgħu jkunu assistiti minn Ministru, u, fil-każ tal-President tal-Kummissjoni, minn membru tal-Kummissjoni. Meta s-sitwazzjoni tirrikjedi dan, il-President għandu jsejjaħ laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew.

4. Sakemm il-Kostituzzjoni ma tipprovdix mod ieħor, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew għandhom jittieħdu b'*consensus*.

**Artikolu 21: Il-Presidenza tal-Kunsill Ewropew**

1. Il-Kunsill Ewropew għandu jeleġġi l-President tiegħu, b' maġġoranza kwalifikata, għal perjodu ta' sentejn u nofs li jista' jiġi mġedded darba. F' każijiet ta' mġieba ħażona gravi, il-Kunsill Ewropew jista' jittermina l-mandat tiegħu skond l-istess proċedura.

2. Il-President tal-Kunsill Ewropew

   – għandu jippresjedi u jmiexxi 'l quddiem ix-xogħol tal-Kunsill.
   – B'kooperazzjoni mal-President tal-Kummissjoni, u fuq il-bażi tax-xogħol tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali, għandu jassigura l-preparazzjoni u l-kontinwità.
   – Hu għandu jipprova jiffaċilita l-koeżjoni u l-*consensus* fi ħdan il-Kunsill Ewropew.
   – Hu għandu jippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew wara kull waħda mil-laqgħat tal-Kunsill.

   Il-President tal-Kunsill Ewropew għandu f' dik il-kariga jassigura, fil-livell tiegħu rappreżentanza esterna ta' l-Unjoni f'oqsma li jikkonċernaw il-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni tagħha mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni.

3. Il-President tal-Kunsill Ewropew ma jistax jeżerċita mandate nazzjonali.

**Artikolu 22: Il-Kunsill tal-Ministri**

1. Il-Kunsill tal-Ministri għandu, flimkien mal-Parlament Ewropew jeżerċita funzjonijiet ta' leġislazzjoni u ta' *budget* kif ukoll iwettaq funzjonijiet ta' definizzjoni tal-politika u ta' koordinazzjoni, kif stabbilit fil-Kostituzzjoni.
2. Il-Kunsill tal-Ministri ikun kompost minn rappreżentant ta' kull Stat Membru f' livell ministerjali għal kull waħda mill-formazzjonijiet tiegħu. Dan ir-rappreżentant biss jista' jikkometti lill-Istat Membru li jirrappreżenta, u jeżerċita d-dritt tal-vot.
3. Ħlief fejn il-Kostituzzjoni tipprovdi mod ieħor, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri għandhom jittieħdu b'maġġoranza kwalifikata.

**Artikolu 23: Formazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri**

1. Il-Kunsill Leġislattiv u ta’ l-Affarijiet Ġenerali għandu jassigura il-koerenza fix-xogħol tal-Kunsill tal-Ministri.

   Meta jaġixxi bħala Kunsill ta’ l-Affarijiet Ġenerali għandu jipprepara l-laqgħat tal-Kunsill Ewropew u jassigura l-azzjoni li ssegwi bi ftehim mal-Kummissjoni.

   Meta jaġixxi fil-funzjoni leġislattiva, l-Kunsill tal-Ministri jiddelibera u, flimkien mal-Parlament Ewropew, jgħaddi l-liġijiet u l-liġijiet kwadru Ewropej skond id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. Meta jaġixxi b’ din il-kwalità r-rappreżentanza ta’ kull Stat Membru tkun ta’ rappreżentant wieħed jew tnejn f’ livell ministerjali skond il-kompetenzi li jikkorrispondu ma' l-aġenda tal-Kunsill tal-Ministri.

2. Il-Kunsill ta' l-Affarijiet Barranin għandu, fuq il-bażi tal-linji ta' gwida strateġiċi mħejjija mill-Kunsill Ewropew, jelabora l-politika barranija ta' l-Unjoni, u għandu jassigura l-koerenza ta' l-azzjoni magħha. Għandu jkun presedut mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni.

3. Il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi kif jiltaqa’ l-Kunsill tal-Ministri f'formazzjonijiet oħra.

4. Il-Presidenza ta' xi formazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri, bl-eċċezzjoni ta’ dik ta’ l-Affarijiet Barranin, għandha tiġi deċiża minn rappreżentanti ta’ l-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill tal-Ministri skond sistema ta' rotazzjoni ugwali, għall-perjodi ta’ mhux anqas minn sena. Il-Kunsill Ewropew għandu jistabilixxi r-regoli ta' din ir-rotazzjoni billi jqis l-ekwilibriji politiċi u ġeografiċi Ewropej u d-diversità ta' l-Istati Membri.

**Artikolu 24: Maġġoranza Kwalifikata**

1. Meta l-Kunsill Ewropew jew il-Kunsill tal-Ministri jieħdu deċiżjonijiet b' maġġoranza kwalifikata, din il-maġġoranza għandha tikkonsisti minn maġġoranza ta' l-Istati Membri li tirrapreżenta mill-inqas tlieta minn ħamsa mill-popolazzjoni ta' l-Unjoni.

2. Meta l-Kummissjoni ma tirrikjedix li l-Kunsill Ewropew jew il-Kunsill tal-Ministri għandhom jaġixxu fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, jew meta l-Kunsill Ewropew jew il-Kunsill tal-Ministri ma jaġixxix fuq l-inizjattiva tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, il-maġġoranza kwalifikata meħtieġa għandha tkun kostitwita minn żewġ terzi ta' l-Istati Membri, li tirrappreżenta mill-inqas tlieta minn ħamsa tal-popolazzjoni ta' l-Unjoni.

3. Id-disposizzjonijiet tal-paragarafi 1 u 2 jibdew iseħħu mill-1 ta' Novembru 2009, wara li jsiru l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 19.

4. Meta l-Kostituzzjoni tipprevedi fil-Parti III li l-liġijiet u l-liġijiet kwadru Ewropej jiġu adottati mill-Kunsill tal-Ministri skond proċedura leġislattiva speċjali, il-Kunsill Ewropew jista' b'inizjattiva proprja u bl-unanimità, wara terminu minimu ta' eżami ta' sitt xhur jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-adozzjoni ta' dawn il-liġijiet jew liġijiet kwadru skond il-proċedura leġislattiva ordinarja. Il-Kunsill Ewropew għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u wara li jinforma lill-Parlamenti nazzjonali.